DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1277

tad-29 ta' Lulju 2019

li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/630/UE dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Kanada bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta deċiżjoni dwar l-ekwivalenza, u jiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-aġenziji ta' gradazzjoni tal-kreditu ("CRAs") awtorizzati jew irreġistrati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz. Sabiex il-qafas superviżorju u legali jitqies ekwivalenti għandu jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(2) Fil-5 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/630/UE ([2]), filwaqt li osservat dawn it-tliet kundizzjonijiet u tqis il-qafas superviżorju legali Kanadiż għas-CRAs bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 fis-seħħ f'dak iż-żmien.

(3) Il-qafas legali u superviżorju Kanadiż għadu jissodisfa t-tliet kundizzjonijiet stabbiliti oriġinarjament fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Madankollu, ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) introduċa rekwiżiti addizzjonali għas-CRAs irreġistrati fl-Unjoni li jagħmlu r-reġim legali u superviżorju għal dawk is-CRAs aktar strett. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jinkludu regoli legalment vinkolanti għas-CRAs dwar prospetti ta' gradazzjoni, ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, kwalità tal-metodoloġiji ta' gradazzjoni, u l-preżentazzjoni u d-divulgazzjoni ta' gradazzjonijiet tal-kreditu.

(4) F'konformità mal-punt (1)(b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 462/2013, ir-rekwiżiti addizzjonali japplikaw għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' oqfsa legali u superviżorji ta' pajjiżi terzi mill-1 ta' Ġunju 2018.

(5) Fis-6 ta' Lulju 2017, l-Awtorità Superviżorja Kanadiża ppubblikat "Avviż b'emendi proposti għall-Istrument Nazzjonali 25-101 dwar l-Organizzazzjonijiet ta' Klassifikazzjoni Dežinjati", li fih iddikjarat li dawk l-emendi kienu meħtieġa sabiex jirriflettu rekwiżiti ġodda għas-CRAs fl-UE sabiex l-Unjoni tkun tista' tkompli tirrikonoxxi r-reġim regolatorju Kanadiż bħala ekwivalenti għal skopijiet regolatorji fl-Unjoni.

(6) Fit-13 ta' Lulju 2017 il-Kummissjoni talbet parir lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju tal-Kanada, fost oħrajn, ma' dawn ir-rekwiżiti addizzjonali introdotti mir-Regolament (UE) Nru 462/2013 u l-ġudizzju tiegħu dwar l-importanza materjali ta' kwalunkwe differenza.

(7) Fil-parir tekniku tagħha ppubblikat fit-17 ta' Novembru 2017, l-ESMA indikat li l-qafas legali u superviżorju tal-Kanada fir-rigward tas-CRAs ikun jinkludi dispożizzjonijiet suffiċjenti biex jintlaħqu l-għanijiet tar-rekwiżiti addizzjonali introdotti mir-Regolament (UE) Nru 462/2013 f'każ li l-bidla fir-regoli proposta tidħol fil-liġi qabel l-1 ta' Ġunju 2018.

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/630/UE tal-5 ta' Ottubru 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Kanada bħala ekwivalenti għall-ħtiġijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 278, 12.10.2012, p. 17).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1).

(8) Fid-29 ta' Marzu 2018, l-Awtorità Kanadiża ta' Sorveljanza ppubblikat fuq is-sit web tagħha li għadha qed tikkunsidra l-kummenti li rċeviet matul il-perjodu għall-kummenti u qed tippjana li tittardja l-emendi għal NI 25-101 sa data aktar tard fl-2018. Madankollu, l-Awtorità Superviżorja Kanadiża infurmat lis-servizzi tal-Kummissjoni li l-pjanijiet biex jiġi emendat l-Istrument Nazzjonali 25-101 dwar l-Organizzazzjonijiet tal-Klassifikazzjoni Dežinjati huma attwalment sospiżi. Konsegwentement, il-valutazzjoni li fuqha hija bbażata din id-deċiżjoni ma tikkunsidra ebda emenda antiċipata.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jintroduċi definizzjoni ta' prospetti ta' gradazzjoni fl-Artikolu 3(1)w u issa r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jestendi ċerti rekwiżiti applikabbli għall-gradazzjonijiet tal-kreditu għall-prospetti tal-gradazzjoni. Il-qafas Kanadiż ma jirrikonoxxix prospetti ta' gradazzjoni bħala oġġett separat u distint minn gradazzjoni ta' kreditu, għalkemm hemm ċerti referenzi għal azzjonijiet, opinjonijiet u rapporti li huma wiesgħa biżżejjed biex jinkludu prospetti ta' gradazzjonijiet fuq bażi impliċita.

(10) Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-perċezzjoni tal-indipendenza tal-aġenziji tal-gradazzjoni tal-kreditu vis-à-vis l-entitajiet ggradati, ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jestendi fl-Artikolu 6(4), 6a u 6b tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 ir-regoli dwar il-kunflitti ta' interess għal dawk ikkawżati mill-azzjonisti jew membri li għandhom pożizzjoni sinifikanti fis-CRA. Il-qafas Kanadiż mhuwiex iddettaljat jew preskritti daqs ir-reġim tal-Unjoni. Minkejja li hemm rekwiżit ġeneriku biex jitfasslu mekkaniżmi interni raġonevoli li l-adegwatezza u l-effikaċja tagħhom ikunu mmonitorjati u evalwati biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas, ma hemmx rekwiżit dettaljat u espliċitu biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess relatati ma' azzjonisti sinifikanti. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda projbizzjoni milli toħroġ gradazzjoni tal-kreditu fuq entità jekk membru tal-bord tas-CRA jew azzjonist li jkollu aktar minn 10 % tal-ishma jew tad-drittijiet tal-vot tas-CRA jkollu aktar minn 10 % tal-ishma fl-entità gradata. Ma hemm anqas l-ebda projbizzjoni fuq individwu jew entità li jkollha aktar minn 5 % tal-ishma jew id-drittijiet tal-vot ta' CRA milli tipprovdi servizzi ta' konsulenza jew ta' konsulenza lil entità gradata ta' dik is-CRA.

(11) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda biex jiżgura li informazzjoni kunfidenzjali tintuża biss għal skopijiet relatati ma' attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu u tkun protetta minn frodi, serq jew użu ħażin. Għal dak il-għan, l-Artikolu 10 (2a) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jeħtieġ li s-CRAs jittrattaw il-gradazzjonijiet tal-kreditu, il-prospetti ta' gradazzjoni u l-informazzjoni kollha relatata magħhom bħala informazzjoni privileġġjata sal-punt tad-divulgazzjoni. Il-qafas legali u superviżorju tal-Kanada fih definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata, iżda l-gradazzjonijiet tal-kreditu u l-informazzjoni marbuta magħhom mhumiex awtomatikament rikonoxxuti bħala tali.

(12) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 għandu l-għan li jżid il-livell ta' trasparenza u kwalità tal-metodoloġiji ta' gradazzjoni. Fl-Anness I, Taqsima D, Sottotaqsima I paragrafu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jintroduċi obbligu biex is-CRAs jipprovdu lill-entità gradata bl-opportunità li tindika kwalunkwe żball fattwali possibbli qabel il-pubblikazzjoni tal-gradazzjoni tal-kreditu jew il-prospetti ta' gradazzjoni. Il-qafas legali u superviżorju tal-Kanada fih rekwiżit għal CRA biex tinforma entità gradata, mingħajr ma tispeċifika jekk hux matul is-sigħat ta' negozju tagħha, fir-rigward tal-informazzjoni kritika u l-kunsiderazzjonijiet prinċipali li fuqhom se tkun ibbażata l-gradazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tagħha għalkemm ma ġie stabbilit l-ebda qafas ta' żmien li fih l-entità gradata tkun tista' tirreaġixxi.

(13) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jintroduċi salvagwardji fl-Artikolu 8 (5a), (6) aa u ab u (7) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 biex jiżgura li kwalunkwe modifika fil-metodoloġiji tal-gradazzjoni ma tirriżultax f'metodoloġiji inqas rigoruż. Minkejja li l-qafas legali u superviżorju tal-Kanada jirrikjedi li l-gradazzjonijiet tal-kreditu jinħarġu skont metodoloġiji li huma rigoruż, sistematiċi, kontinwi u soġġetti għall-validazzjoni, ma hemm l-ebda rekwiżit espliċitu li l-bidliet fil-gradazzjoni tal-kreditu jinħarġu skont il-metodoloġiji ppubblikati. Ma hemm l-ebda obbligu għas-CRAs biex jikkonsultaw lill-parteċipanti tas-suq dwar bidliet fil-metodoloġiji tagħhom jew biex jikkoreġu żbalji fihom. Anqas ma hemm rekwiżit espliċitu biex is-superviżur, awtoritajiet oħra jew entitajiet affettwati jiġu nnotifikati bi kwalunkwe żball għal metodoloġija li jista' jkollha impatt fuq il-gradazzjonijiet tagħha.

(14) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 isaħħaħ ir-rekwiżiti dwar il-preżentazzjoni u d-divulgazzjoni tal-gradazzjonijiet tal-kreditu. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u l-Anness I, it-Taqsima D, is-Sottotaqsima I il-paragrafu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, CRA għandha takkumpanja d-divulgazzjoni ta' metodoloġiji, mudelli u suppożizzjonijiet ewlenin ta' gradazzjoni bi gwida ċara u li tinftiehem faċilment, li tispjega kwalunkwe suppożizzjoni, il-parametri, il-limiti u kwalunkwe inċertezza dwar il-mudelli u l-metodoloġiji ta' gradazzjoni użati fil-proċess tal-gradazzjonijiet tal-kreditu. Skont il-qafas legali u superviżorju tal-Kanada, ma hemm l-ebda rekwiżit strett biex tiġi żgurata gwida adegwata li takkumpanja azzjoni u metodoloġija tal-gradazzjoni tal-kreditu. Anqas ma hemm rekwiżit espliċitu biex CRA tenfasizza fil-gradazzjoni tal-kreditu li l-gradazzjoni hija l-opinjoni tal-aġenzija u wieħed għandu jiddependi fuqha sa ċertu punt biss.

(15) Bil-għan li tissaħħaħ il-kompetizzjoni u jiġi limitat l-ambitu għal kunflitti ta' interess fis-settur tas-CRA, ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jintroduċi rekwiżit fl-Anness I, it-Taqsima E, is-Sottotaqsima II tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 li jenħtieġ li t-tariffi imposti mis-CRAs għal gradazzjonijiet tal-kreditu u servizzi anċillari jkunu nondiskriminatorji u bbażati fuq kostijiet attwali. Dan jirrikjedi lis-CRAs jiddivulgaw ċerta informazzjoni

finanzjarja. Il-qafas legali u superviżorju tal-Kanada ma fih l-ebda rekwiżiti sistematiċi għas-CRAs biex jipprovdu politiki ta' pprezzar jew lis-superviżur jew lill-entitajiet iggradati, minkejja li s-superviżur jista' jitlob din l-informazzjoni f'każ ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda rekwiżit li t-tariffi imposti fuq il-klijenti għandhom ikunu bbażati fuq il-kostijiet u nondiskriminatorji.

(16) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati, il-qafas legali u superviżorju tal-Kanada għas-CRAs ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha għall-ekwivalenza stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Għaldaqstant, ma jistax jitqies bħala ekwivalenti għall-qafas legali u superviżorju stabbilit minn dak ir-Regolament.

(17) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/630/UE titħassar.

(18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/630/UE titħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER